IL-KUMMISSJONI
EWROPEA

Brussell, 19.1.2017
COM(2017) 24 final

KOMUNIKAZZJONI TAL-KUMMISSJONI LILL-KUNSILL

skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE

1. SFOND

Permezz ta' ittra rreġistrata mal-Kummissjoni fit-22 ta' Frar 2016, is-Slovakkja talbet awtorizzazzjoni biex tapplika miżura li tidderoga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT. F'konformità mal-Artikolu 395(2) tad-Direttiva tal-VAT u permezz ta' ittra bid-data tal-4 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni għarrfet lill-Istati Membri l-oħra bit-talba tas-Slovakkja. Permezz ta' ittra bid-data tas-7 ta' Novembru 2016, il-Kummissjoni nnotifikat lis-Slovakkja li hi kellha l-informazzjoni kollha li kkunsidrat meħtieġa għall-valutazzjoni tat-talba.

Skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-Kunsill 2006/112/KE tat-28 ta' Novembru 2006 dwar is-sistema komuni ta' taxxa fuq il-valur miżjud (id-Direttiva tal-VAT), il-Kunsill, li jaġixxi unanimament fuq proposta mill-Kummissjoni, jista' jawtorizza lil kwalunkwe Stat Membru li jintroduċi miżuri speċjali għal deroga mid-dispożizzjonijiet ta' din id-Direttiva, sabiex jissimplifika l-proċedura tal-ġbir tal-VAT jew sabiex jipprevjeni ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. Billi din il-proċedura tipprevedi derogi mill-prinċipji ġenerali tal-VAT, b'konformità mad-deċiżjonijiet konsistenti tal-Qorti tal-Ġustizzja tal-Unjoni Ewropea, tali derogi għandhom ikunu proporzjonati u limitati fil-kamp ta' applikazzjoni.

Bħala regola ġenerali, il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT, hija l-persuna taxxabbli li tforni l-oġġetti. L-għan tad-deroga mitluba mis-Slovakkja huwa li dik l-obbligazzjoni titqiegħed fuq il-persuna taxxabbli li tirċievi l-fornimenti (l-ħekk imsejħa mekkaniżmu tar-reverse charge), fil-każ ta' prodotti partikolari, b'mod partikolari fir-rigward ta' ċerti prodotti tal-laħam, annimali tal-ifrat ħajjin, majjali u tjur. Dawn l-oġġetti partikolari koperti mit-talba Slovakka huma deskritti fid-dettall taħt il-punt 3.

Skont is-Slovakkja, għadd ta' negozji f'dawn is-setturi kummerċjali jinvolvu ruħhom fl-evażjoni tat-taxxa billi ma jħallsux il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa wara li jbigħu l-prodotti. Madanakollu, il-klijenti tagħhom, sakemm dawn ikunu persuni taxxabbli li għandhom dritt għal tnaqqis u jkollhom fattura valida, jibqgħu intitolati għal tnaqqis fit-taxxa.

Għalhekk, is-Slovakkja tkun trid tapplika l-mekkaniżmu tar-reverse charge, biex b'hekk telimina l-frodi possibbli, safejn, fin-nuqqas ta' applikazzjoni tal-VAT, in-negozjant nieqes potenzjali ma jkunx jista' jżomm il-VAT li jkun irċieva mill-klijent tiegħu. Id-destinatarju taxxabbli, safejn dan ikun il-persuna taxxabbli bi dritt sħiħ għat-tnaqqis, jiddikjara u jnaqqas il-VAT fl-istess dikjarazzjoni. Dan għandu l-effett li jipprekludi din it-tip ta' frodi u, għalhekk, aktar telf.

2. IR-REVERSE CHARGE

Il-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT skont l-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT hija l-persuna taxxabbli li tforni l-oġġetti jew is-servizzi. L-għan tal-mekkaniżmu tar-reverse charge huwa li jċaqlaq dik l-obbligazzjoni fuq il-persuna taxxabbli li tirċievi l-fornimenti.

Inkunu fil-preżenza ta' negozjant nieqes meta negozjanti jevadu l-ħlas tal-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa wara li jbigħu l-prodotti tagħhom. Fil-każijiet l-aktar aggressivi ta' tali evażjoni tat-taxxa, l-istess oġġetti jew servizzi jiġu fornuti diversi drabi, permezz ta' skema "karusell" (li tinvolvi l-merkanzija jew is-servizzi nnegozjati bejn l-Istati Membri), mingħajr ma titħallas il-VAT lill-awtoritajiet tat-taxxa. Bin-nomina tal-persuna li lilha jiġu fornuti l-oġġetti jew is-servizzi bħala l-persuna responsabbli għall-ħlas tal-VAT f'tali każijiet, instab b'mod partikolari li l-mekkaniżmu tar-

reverse charge jelimina l-opportunità ta' involviment f'dik il-forma ta' evażjoni fiskali.

3. IT-TALBA

Is-Slovakkja titlob, skont l-Artikolu 395 tad-Direttiva tal-VAT, li l-Kunsill, waqt li jaġixxi fuq proposta tal-Kummissjoni, jawtorizza lis-Slovakkja sabiex tapplika miżura speċjali ta' deroga mill-Artikolu 193 tad-Direttiva tal-VAT fir-rigward tal-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge fir-rigward tal-fornimenti tal-oġġetti li ġejjin:

Kodiċi NM[1]	Prodott
ex 0201	Laħam ta' annimali tal-ifrat, frisk jew imkessaħ - unikament laħam minn annimali tal-ifrat domestiċi
ex 0202	Laħam ta' annimali tal-ifrat, friżat - unikament laħam ta' annimali tal-ifrat domestiċi
ex 0203	Laħam tal-majjal, frisk, imkessaħ jew friżat - unikament laħam minn majjali domestiċi
ex 0207	Laħam u ġewwieni li jittiekel, ta' tjur tat-titlu 0105, frisk, imkessaħ jew friżat - unikament laħam u ġewwieni li jittiekel ta' tjur domestiċi
ex 0102	Annimali tal-ifrat ħajjin - unikament annimali tal-ifrat domestiċi ħajjin
ex 0103	Majjali ħajjin - unikament majjali domestiċi ħajjin
ex 0105	Tjur ħajjin, jiġifieri, tjur tal-ispeċi *Gallus domesticus*, papri, wiżż, dundjani u faragħuni ħajjin - unikament tjur domestiċi ħajjin

4. IL-FEHMA TAL-KUMMISSJONI

Meta l-Kummissjoni tirċievi talbiet skont l-Artikolu 395, dawn jiġu eżaminati biex tiżgura li l-kundizzjonijiet bażiċi biex jintlaqgħu dawn it-talbiet ikunu ssodisfati, jiġifieri, jekk il-miżura speċifika proposta tissimplifikax il-proċeduri għall-persuni taxxabbli u/jew l-amministrazzjoni tat-taxxa jew jekk il-proposta tipprevjenix ċerti tipi ta' evażjoni jew evitar tat-taxxa. F'dan il-kuntest, il-Kummissjoni dejjem adottat approċċ limitat u kawt biex tiżgura li d-derogi ma jxekklux it-tħaddim tas-sistema ġenerali tal-VAT, ikollhom ambitu limitat, ikunu meħtieġa u proporzjonati.

[1] Kodiċi tan-Nomenklatura Magħquda stabbilita bir-Regolament (KEE) Nru 2658/87

Għalhekk, kwalunkwe deroga mis-sistema ta' pagament frazzjonat ma jistax ikun aktar minn l-aħħar għażla u miżura ta' emerġenza, u għandha toffri garanziji dwar il-ħtieġa u n-natura eċċezzjonali tad-deroga mogħtija.

F'dan l-isfond, għandu jiġi mfakkar li kienet il-politika tal-Kummissjoni li tikkunsidra d-derogi dwar il-mekkaniżmu tar-reverse charge biss meta, fl-istess waqt, l-oġġetti inkwistjoni ma jkunux jistgħu jilħqu l-istadju tal-konsum finali, kontribwent dgħajjef jiġi sostitwit b'wieħed affidabbli, ma jkunx hemm riskju ta' frodi fil-livell tal-bejgħ bl-imnut jew għal Stati Membri oħrajn li ma jużawx il-mekkaniżmu.

L-ewwel nett, hija l-fehma tal-Kummissjoni li t-tip ta' oġġetti varji inkwistjoni - kif elenkati, huma ta' natura li għandha tippermetti l-awditjar permezz ta' mezzi konvenzjonali mingħajr il-ħtieġa li jkun implimentat il-mekkaniżmu tar-reverse charge. F'dan il-kuntest, issir referenza għal talba preċedenti dwar l-industrija tat-trobbija tal-ħnieżer u tal-għalf tal-annimali li kienet tinkludi ċerti prodotti li huma wkoll koperti minn din it-talba (COM(2013)148 tad-19.3.2013 (bi tweġiba għal talba mill-Ungerija)) (għal komunikazzjonijiet komporabbli ara pereżempju COM(2014)229 tat-22.4.2014 ('zokkor' (l-Ungerija), COM(2014) 623 tal-10.10.2014 ('ħaġar prezzjuż' (l-Estonja)).

Barra minn hekk, mill-inqas xi wħud mill-prodotti elenkati jistgħu jkunu maħsuba għall-konsum privat, u t-trasferiment tal-obbligazzjoni tal-VAT kollha lill-aħħar ħolqa fil-katina għalhekk iżid ir-riskji. Kif ġie nnutat preċedentement b'rabta ma' oġġetti fis-settur agrikolu, jeżisti spostament ta' frodi lejn Stati Membri oħrajn.

Dwar is-sitwazzjoni konkreta, jidher, mill-informazzjoni pprovduta mis-Slovakkja, li waħda mill-problemi prinċipali hija marbuta mal-fatt li persuni mhux affidabbli (irġiel tat-tiben) huma nnominati b'funzjonijiet prominenti fi ħdan kumpaniji frodulenti li magħhom huwa impossibli li jkun hemm kooperazzjoni rilevanti jew li magħhom huwa saħanistra diffiċli li jsir kuntatt. Madankollu, ma jidhirx li l-applikazzjoni tal-mekkaniżmu tar-reverse charge hija l-miżura l-aktar xierqa biex tiġi indirizzata din il-problema.

5. KONKLUŻJONI

Abbażi tal-elementi msemmija hawn fuq, il-Kummissjoni toġġezzjona għat-talba magħmula mis-Slovakkja.